KUNSILL LOKALI VALLETTA

VALLETTA
Città Umilissima

VALLETTA LOCAL COUNCIL

# MINUTI

## Is-Sebgħa Kunsill - SEDUTA Nru. 07

It-Tlieta, 6 ta' Awwissu, 2013, fil-7.00 p.m

Il-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta ltaqa' fl-Uffiċċju tiegħu, 31 Triq Nofsinhar,

Is-Sindku Dr Alexiei Dingli ppresida.

**PREZENTI**

Kienu prezenti l-Kunsillieri Dr Alexiei Dingli, Christian Darren Micallef, Dr Normal Shaw, Vincent Farrugia Lauri, Raymond Azzopardi, Raymond Attard u Vincent Fabri.

**TALBA**

Is-Sindku Dr Alexiei Dingli qal it-talba.

Il-minuti tas-Seduta Nru 6 li saret nhar Tnejn, 1 ta' Lulju, 2013, fil-7.00 p.m kienu ikkonfermati.

1. **ĦWEJJEG LI JIRRIZULTAW MILL-MINUTI**

1.1 Il-Kunsillier Vincent Fabri inform lill-Kunsill dwar updates ta' l-attivita' Knights in the City. Vincent Fabri, tkellem dwar l-bars tal-belt. Kif qed jibbenefikaw min Knights in the City.

1.2 Il-Kunsillier Raymond Attard staqsa dwar l-istqarija li ħarget dwar il-karozzini. Is-Sindku Dr Alexiei Dingli nforma dwar dak li kien qiegħed jigri. Informa kif ser isiru t-tinded il-ġodda kif ukoll dwar is-*solid waste bins*.

2. **KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU**

2.1 Is-Sindku nforma li l-proġett ewropej dwar id-democrazija ser ikompli bejn it-22 u 29 ta' Awwissu 2013 ġewwa Scala.

2.2 Is-Sindku nforma li rċieva stedina mill-Ambaxxata ta' Cina biex jattendi għal World Tourism Forum. Il-Sindku nforma li ser ikun akkumpanjat mit-Town Centre Manager. Waqt iż-żjara tiegħu fiċ-Ċina ser ikun qed jiffirma Memorandum of Understanding għal European Walled Towns.

2.3 Is-Sindku nforma dwar il-Bye Laws li l-Kunsill ser ikun qed jippreżenta lid-dipartiment għal approvazzjoni. Ħadd ma ppropona emendi u ġew approvati mill-kunsill.

2.3.1 Valletta Street Busking
2.3.2 Maintenance of Building Facades
2.3.3 Horse Drawn Carriages

2.4 Is-Sindku nforma li ser jinbeda xogħol fuq outline application fuq 2 proġetti:

2.4.1 Dawra tal-belt (ħdejn il-baħar)
2.4.2 Is-Sotteranju tal-Belt. (hemm entratura faċċata tal-qorti u anke hemm waħda min Triq Santa Lucija.

2.5 Is-Sindku nforma li Green MT il-kumpanija ser tibda kampanja edukattiva dwar ir-riċiklar. Dawn ser jagħmlu fuljett ta' informazzjoni biex jitqassam f'kull dar.

2.6 Is-Sindku nforma li kien qed isir diskors dwaru fejn intqal li mhux ser isir xogħol ta' tisbieħ fil-youth nursery tal-Belt. Is-Sindku ċaħad dawn l-akkuzi w anke għamel referenza għal minuti taħ laqgħat preċedenti fejn hemm imnizzel li ix-xogħolijiet ser isiru.

## 3. KOMUNIKAZZJONI TAL-KUNSILLIERI

3.1 Il-Viċi Sindku staqsa jekk Pjazza de Vallette saritx parking għall-vetturi peress li kien qed ikun hemm ammont kbir ta' karozzi pparkjati.

3.2 Sar ukoll suggeriment biex it-tarag ta' ħdejn il-Bridge Bar jinħasel. Il-Kunsill qabel li kull min jagħmel attivita' għandu jkollu miktub bħala kumment li jridd jaħsel wara kull attivita' peress li din qed issir regolari li sidien tal-ħwienet mhux qed inaddfu wara l-attivitajiet.

3.3 Il-Kunsill Raymond Azzopardi nforma li kien qed jissuggerixxi li jsir football tournament.

## 4. KORRISPONDENZA

4.1 Il-Kunsill rċieva korrispondenza min għand il-Valletta Lions TFC. Dawn talbu biex jiġu rikonoxxuti bħala klabb u għalhekk informaw lil kunsill lokali.

4.2 Il-Kunsill rċieva korrispondenza mill-MEPA dwar il-local plan għall-Belt Valletta. Il-Kunsill staqsa biex dawn jattendu għal-laqgħa tal-Kunsill pero ma rċevejna l-ebda risposta lura.

4.3 Il-Kunsill rċieva korrispondenza min għand l-għaqda tal-Pawlini biex jinħasel ħdejn is-sur ta' Santa Barbara kif ukoll biex jigħataw mobile toilets għal din l-attivita'. Il-Kunsill qabel il-ħasil għandu jsir pero l- mobile toilets konna waqafna milli ntuhom peress li kien gara nċiedent ta' ħruq kif ukoll il-kunsill qeed jgħin lil għaqdiet permess tal-kumitat tal-festi. Il-Kunsill qabel dwar dan.

4.4 Il-Kunsill rċieva korrispondenza min għand il-Kunsill ta' Ħaż-Żebbug dwar il-Malta International Bank Festival. Kull sena il-Kunsill tal-Belt jieħu sehem flimkien mal-Kunsill ta' Ħaż-Żebbug. Il-Kunsill qabel dwar dan.

4.5 Il-Kunsill rċieva korrispondenza min għand id-dipartiment tal-Kunsilli Lokali dwar Skema ta' Għajnuna finanzjarja għal streaming tal-Laqghat on line. Il-Kunsill qabel li għandu japplika għal fondi.

4.6 Il-Kunsill rċieva korrispondenza min għand ir –Republic street business community biex bħal ma jsir kull sena jiġġeded il-maintenance agreement tas-security camera. Il-Kunsill nforma li għandu jkollu aċċess għal footage kif ukoll irid informazzjoni għal xiex qed iħallas.

**5. Amministrazzjoni**

5.1 Waqt il-laqgħa nfetħet is-sejħa għal offerti tal Bust ta' Mattia Preti

5.1.1 Fr Charles Vella – €2360.00

5.1.2 Mr Indri Attard - €4130.00

Il-Kunsill qabel li l-irħas offerta għandha tingħata l-approvazzjoni tax-xogħolijiet.

5.2 Is-segretarja nfurmat li ser titkellem mad-dipartiment biex tiġi gwidata kif jista jsir biex terġa tinfetaħ is-sejħa għal *clerk* dan peress li mill-listi ta' ETC l-edba cv li rċieva l-kunsill ma kien tajjeb għal *post*.

**TMIEM**

Fil-20.30hrs intemmet is-Seduta w giet aggornata għat-Tlieta 3 ta' Settembru 2013.

Gabriella Agius
Segretarja Eżekuttiva

**Konfermati:**

Alexiei Dingli
Sindku